MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2010

Numru 15/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Jose Luis Lugo Del Rosario**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 15 tas-sena 2010 kontra l-akkuzat Jose Luis Lugo Del Rosario, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009), il-pulizija tal-iskwadra kontra d- droga ġew infurmati illi fil-kamra numru 504 tal-Metropole Hotel ġewwa Dingli Street, Sliema, kien hemm alloġġjata persuna maskili ta' nazzjonalita' barranija susspettata li kienet impurtat ammont sostanzjali ta' droga illegali mill-Olanda. Meta l-pulizija marru fuq il-post sabiex jinvestigaw a bażi ta' din l-informazzjoni, rriżulta li l-persuna li kienet hemm alloġgjata kienet l-akkużat Jose Luis Lugo Del Rosario. Wara tfittxija li saret fil-kamra in

kwistjoni, nstabu diversi kapsuli f'boroż tal- plastik li kienu ssusspettati li jikkontjenu droga perikoluża w illegali skond il-liġi tagħna.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fil-ġranet qabel it-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) kif ukoll dakinhar, l-akkużat Jose Luis Lugo Del Rosario, ddeċieda illi jibda jmexxi w jittraffika fid-droga kokajina. L-akkużat kien ftiehem ma' persuna oħra barra minn Malta li kellha tgħaddielu l-imsemmija droga biex imbagħad l-akkużat jimportaha w jikkonsenjaha lill-persuni oħra f'Malta. Għas-servizz tiegħu li jġorr fil-persuna tiegħu w jittraffika d-droga kokajina, l-akkużat kellu jitħallas ammont konsiderevoli ta' flus. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel l-akkużat xjentement u kunsenswalment ingħata w obda struzzjonijiet minn persuna oħra sabiex jibla' mitt kapsula li kienet tikkontjeni s-sustanza illegali w perikoluża tal-kokajina fl-ammont ta' madwar għaxar (10) grammi f'kull kapsula w dan sabiex ikun f'posizzjoni li jdaħħal is-sustanza ġewwa pajjiżna w jgħaddi l- istess lil terza persuna oħra ai fini ta' traffikar, mingħajr ma jiġi interċettat mill-pulizija w/jew uffiċjali responsabbli.

Illi sussegwentement, fid-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009), l-akkużat qabad ajruplan għal Malta mill-Olanda sabiex jesegwixxi dan il-pjan maħsub iżda fortunatament l-akkużat u d-droga ġiet interċettata qabel ma ġew mgħoddija lil ħaddieħor ġewwa pajjiżna. Fil-fatt, minn analiżi w eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li s-sustanza li nstabet fil-kapsuli importati mill-akkużat, kienet effettivament tikkonsisti mid-droga imsemmija fl-ammont globali ta' disa' mija tmienja u ħamsin punt ħdax il-gramma (958.11 grammi) kokajina w li kellha l-purita' ta' tlieta w għoxrin punt wieħed u għoxrin fil-mija (23.21%). Il-kokajina titqies bħala mediċina perikoluża li hija sustanza illegali skond il-Liġi tagħna, u din is-

sustanza għandha l-valur kumplessiv ta' tnejn u sebgħin elf tmien mija u sittax il-Euro (€72,816).

Illi b'għemilu l-imsemmi Jose Luis Lugo Del Rosario sar ħati talli assoċja ruħhu ma' persuni oħra f'Malta w ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegħ jew jittraffika mediċina w droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Jose Luis Lugo Del Rosario ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta w ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegħ jew jittraffika mediċina w droga oħra f'Malta bi ksur tad- disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni;

Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru w multa ta' mhux inqas minn elfejn, tlett mija w tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija w sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il- Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A) (1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi w ir-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l- 1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi minħabba n- natura taċ-ċirkostanzi li seħħew fit-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fil-ġranet preċedenti għal din id-data, u ċioe' fiċ- ċirkostnazi kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, rriżulta li l-akkużat volontarjament u xjentement għamel vjaġġ mill-Olanda għal Malta fid-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u dan meta kien jaf li kien qed

jimporta ammont sostanzjali tad-droga kokajina wara li kien belgħa mitt kapsula kontenenti din is-sustanza qabel ma' telaq mill- Olanda. Dawn il-kapsuli kienu jikkontjenu t-total ta' disa' mija tmienja w ħamsin punt ħdax il-gramma (958.11 grammi) kokajina w li kellha l-purita ta' tlieta w għoxrin punt wieħed u għoxrin fil- mija (23.21%). Dawn il-fatti ġew kkonfermati mill-akkużat stess li ammetta dan kollu fil-kors tal-proċeduri kontriħ u li għamel dan kollu sabiex din id-droga illegali tiġi mportata fi xtutna mingħajr ma' jiġi interċettat. Effettivament li kieku l-pulizija involuti fl-investigazzjoni ma' interċettawx lill-akkużat u ma' ndunawx bis-sustanza suspettuża li l-akkużat kien ħeba' fil-kamra tiegħu, din id-droga kienet tgħaddi f'idejn terzi persuni f'pajjiżna li faċilment setgħu jittraffikaw din id-droga perikoluża w illegali għal skopijiet ta' lukru.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l- Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi favur l-akkużat, li tawtorizza l- importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu l-imsemmi Jose Luis Lugo Del Rosario sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta bi ksur tad- disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe' meta' ma kellux liċenżja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l- imsemmija Ordinanza li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Jose Luis Lugo Del Rosario, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe' meta' ma' kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtorizza l- importazzjoni ta' dak l-oġġett;

Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija wtletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15, 15(A), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi w ir-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/39) u fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi waqt l-istess ċirkostanzi li seħħew fit-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fil-ġranet ta' qabel, u ċioe' kif imsemmija fl-ewwel u fit-tieni Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, irriżulta wkoll illi malli aċċetta li jibla' l-kapsuli kontenenti d-droga kokajina u waqt it-titjira tiegħu mill-Olanda lejn Malta fid-9 ta' Mejju 2009, l-akkużat volontarjament u xjentement kien qed iġorr fil-persuna tiegħu mitt kapsula konsistenti fis-sustanza kokajina w li xjentement kienet intenzjonata għal persuni oħra. Fil-fatt ġaladarda dawn il-kapsoli kienu jitneħħew mill-intern tal-akkużat il- kontenut tagħhom kien ser jgħaddi f'idejn terzi bi ftehim miegħu sabiex is-sustanza illegali tiġi traffikata għal skopijiet ta' lukru. Fil-fatt l- akkużat kien ser jitħallas ammont konsiderevoli ta' flus mill-persuna li kienet ser tirċievi s-sustanza illegali. Dawn il-fatti ġew ikkonfermati mill-akkużat stess li ammetta mal-pulizija l-għarfien tiegħu dwar il- provenjenza, d-destinazzjoni w l-iskop ta' din is-sustanza. Illi fortunatament il-Pulizija ndunaw b'din is-sustanza illegali w l-akkużat ġie arrestat qabel l-eżekuzzjoni effettiva ta' dan id-delitt.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l- Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtorizza lill-akkużat sabiex iforni, jimporta,

jesporta, jimmanifattura jew jipprokura d-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Jose Luis Lugo Del Rosario sar ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellu liċenzja mill- Ministru responsabbli għas-Saħħa w mingħajr ma' kien awtorizzat bir- Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, w mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall- esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, w mingħajr ma' kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Jose Luis Lugo Del Rosario, ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa wu mingħajr ma' kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, w mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall- esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura d-droga msemmija, w mingħajr ma' kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga;

Talab li jingħamel skond il- Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15, 15(A), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), u 26 ta' l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292 ta' 1939) u fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi finalment u dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl- ewwel tlett kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe' fit-tnax (12) ta' Mejju tas- sena elfejn u disgħa (2009) u fil-ġranet ta' qabel, minħabba l-fatt li l-akkużat *ex admissis*, xjentement kien bela' mitt kapsula kontenenti id- droga illegali kokajina u xjentement kien jaf li dawn kienu intiżi għal persuna jew persuni oħra, u minħabba l-fatt li s-sustanza suspettuża li nstabet ġol-kapsuli irriżultat, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li fil-fatt kienet id-droga kokajina w cioe' mediċina perikoluża w illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, anki meta' wieħed iqis il-*modus operandi* tat- trasport ta' din is-sustanza, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti ta' sustanza perikoluża skond il-Liġi. L-akkużat m'għandux problema ta' droga kif stqarr hu stess u kwindi din is-sustanza perikoluża ma' kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. In oltre l-ammont tad- droga li nstabet fil-kapsuli kienet waħda konsiderevoli w ċioe' disa' mija tmienja w ħamsin punt ħdax il-gramma (958.11 grammi) kokajina w li kellha l-purita ta' tlieta w għoxrin punt wieħed u għoxrin fil-mija (23.21%) li ċertament ma' tindikax skop għall-użu personali.

Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is- sustanza perikoluża.

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar iil-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Jose Luis Lugo Del Rosario sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit- Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, w meta' ma' kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa w ma' kienx awtorizzat bir- Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Jose Luis Lugo Del Rosario ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall- importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi, W meta' ma' kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, W ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad- dipartiment tas-Saħħa w ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall- Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id- droga ma'

ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir- Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu;

Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi w ir-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż legali 292/39) u fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il- liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors tal-Akkuzat tat-30 ta' Marzu, 2010 li bih talab li l-kawza tieghu tigi appuntata ghall-eqreb data possibbli biex hu jikkonferma l-ammissjoni tieghu u l-proceduri kontra tieghu jigu konkjuzi fl-iqsar zmien possibbli.

Rat in-Nota tal-Akkuzat tal-istess data li biha informa lil din il-Qorti li hu kien ser jikkonferma l-ammissjoni minnu registrata quddiem il-Qorti Istruttorja ghall-akkuzi dedotti fl-Att ta' l-Akkuza.

Rat l-ordni taghha li bih appuntat il-kawza ghall-udjenza tal-bierah, 21 ta' Gunju, 2010 ghal dan l-iskop.

Rat illi waqt is-seduta tal-bierah 21 ta' Gunju, 2010, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w

taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil Jose Luis Lugo Del Rosario hati talli :-

1. fit-12 ta' Mejju, 2009, u fil-jiem ta' qabel, assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina w droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni; w dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

2. fit-12 ta' Mejju, 2009, u fil-granet precedenti ghal din id-data, importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe' meta' ma' kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett;w dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

3. fit-12 ta' Mejju, 2009, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il- Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma' kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill- Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, w mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura d-droga msemmija, w mingħajr ma' kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga w dana skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

4. fit-12 ta' Mejju, 2009, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, w meta' ma' kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa w ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga w din ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il- pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu w dana skond ir-Raba' Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati, esebita mill-Prosekuzzjoni w ezaminata mid-Difiza.

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li r-reati taht l-ewwel, it-tieni, w ir-raba' kapi tal-att ta' l-akkuza huma, ghall-fini tal-piena, assorbiti fir-reat ta' traffikar taht it-tielet kap ta' l-att tal-akkuza w dana ghax servew bhala mezz biex seta' jigi kommess dan l-ahhar reat, skond l-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Roberto Montalto li jinsabu registrati w senjatament dawk li l-akkuzat ammetta l-htija tieghu mill-bidu nett quddiem il-Qorti Istruttorja w anki quddiem din il-Qorti, w ghalhekk kellu jigi ppremjat ghal dan. Li l-purita' tad-droga kienet baxxa hafna ; li dak li ghamel ghamlu biex ikollu l-flus halli jkun jista' jikkura ruhu ghall-marda li ghandu w li din kienet l-ewwel darba li hu gie Malta. Piena harxa izzejjed jista' anki jkollha effett hazin fuq il-passaport li ghandu l-hati. Hu ghamel riferenza ghal diversi sentenzi ta' din il-Qorti in sostenn ghat-talba tieghu li l-hati kellu jinghata piena mill-aktar miti.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Leonard Caruana w senjatament li l-Qorti kellha taghti sentenza

konformi ma ohrajn taghha stess fejn l-ammont tad-droga in meritu kien piu’ o meno l-istess kif ukoll fejn kien hemm ammissjoni bikrija. Ghalhekk il-piena kellha tkun fil-parametri ta’ bejn ghaxra u erbatax il-sena w idealment wahda ta’ tnax il-sena.

Ikkonsidrat;

Qieset illi r-reat taht l-ewwel, it-tieni u r-raba Kapi tal-att ta' l-akkuza, ghall-fini tal-piena, huma assorbiti fir-reat taht it-tielet kap ta’ traffikar, stante li servew bhala mezz ghall-fini biex seta’ jigi kommess ir-reat in kwistjoni, a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn).

Illi dan hu verament kaz ta’ ammissjoni bikrija ghax l-akkuzat mhux talli ammetta l-htija tieghu quddiem il-Qorti Istruttorja, izda malli gie notifikat bl-Att ta’ l-Akkuza, hu stess talab li l-kawza tieghu tigi appuntata fl-iqsar zmien possibbli biex hu jkun jista’ jirregistra ammissjoni w l-kaz tieghu jigi konkjuz kemm jista’ jkun malajr. Dan l-agir tal-akkuzat u tad-difensur tieghu – ghal kuntrarju ta’ dak li normalment isir f’ kawzi ohra, fejn l-akkuzati joqghodu itawwlu sal-ahhar mument possibbli biex jirregistraw ammissjoni – meta din tkun l-unika triq miftuha ghalihom – hu lodevoli, ghax jiffranka hafna spejjez zejjda lill-erarju pubbliku w hela’ ta’ rizorsi umani. Dan il-Qorti ser indubbjament tqiesu fil-piena li ser tigi erogata.

Rat ukoll li l-hati huwa incensurat; al menu f’ Malta.

Mill-banda l-ohra din il-Qorti ma tistax ma tqisx il-hsara potenzjali ghas-socjeta’ Maltija, partikolarment ta’ dawk l-aktar vulnerabbli ghat-tentazzjoni tad-droga – iz-zaghzagh Maltin u Ghawdxin - li qed jigu assedjati minn traffikanti bl-importazzjoni ta’ drogi micidjali ta’ kull tip provenjenti minn kull parti tad-dinja, bl-ghan ta’ qligh immorali w mahmug a skapitu tas-sahha w kulltant anki tal-hajja tal-vittmi taghhom.

Ghal dawn il-motivi, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, konformement mad-dispozizzjonijiet tal-proviso (aa) tal-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kap.101, u senjatament il-kondotta ta' qabel tal-hati, l-kwantita' tal-medicina w ix-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reati u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni bikrija ta' reati simili w fejn il-kwantita' tad-drogi kienet piu' o meno simili ghal dik involuta f'dan il-kaz, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i) u l-proviso (aa), (3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi w r-Regoli 4 u 9 tar-Regoli tan-1939 ghall-Kontroll Intern fuq Id-Drogi Perikoluzi (Avviz Legali 292/39) u l-artikoli 17(h), 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati**, Jose Luis Lugo Del Rosario,** ghall-piena ta' ghaxar (10) snin prigunerija w ghall-multa ta' tletin elf Ewro (€30,000), li, jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija ulterjuri ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija skond il-ligi, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' elf, mitejn u disgha w tmenin Euro w hamsin centezmu (€1289.50), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti,

li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------